MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 307/2012

**Andrew Vassallo**

**vs**

**Matthew Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Settembru 2012, fejn l-attur talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut thallsu s-somma ta' tmint elef, hames mija u erbgha Ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,504.62) jew somma ohra verjuri rapprezentanti:

(a) in kwantu ghal elf u seba' mitt ewro (€1,700) penali ghal dewmien fl-esekuzjoni tax-xoghol li l-intimat intrabat li jipprovdi favur ir-rikorrent ai termini ta' appalt, liema appalt ir-rikorrent eventwalment ittermina ghal raguni valida fil-ligi.

(b) In kwantu ghal sitt elef, tmien mija u erba' ewro u tnejn u sittin centesmu (€6,804.62) bhala danni sofferti u spejjez inkorsi mir-rikorrent minhabba li l-intimat naqas milli jespleta x-xoghol li kien obbliga ruhu li jespleta ai termini tal-appalt imsemmi hawn fuq u minhabba li dak ix-xoghol illi l-intimat lahaq espleta ma kienx skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 3058/11 datata 12 ta' Settembru 2011 u bl-imghax legali kontra tieghu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors promotur u dan kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxall Charles Cassar tad-29 ta' Novembru 2012 a fol. 9 tergo meta thalliet kopja tar-rikors fir-residenza tal-konvenut fl-indirizz moghti fir-rikors promotur, fl-ghassa tal-Pulizija ta' Marsascala u fil-Kunsill Lokali ta' Marsascala.

Rat illi l-attur innotifika lill-konvenut ukoll permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-4 ta' Dicembru 2012 (fol. 10) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar il-15 ta' Jannar 2013 (fol. 15).

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba tal-attur u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba tal-atttur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmint elef, hames mija u erbgha Ewro u tnejn u sittin centesmu (€8,504.62) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjes inkluiz dawk tal-Ittra Ufficcjali Numru 3058/11 datata 12 ta' Settembru 2011 u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data ta' din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------